



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9144/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0130 (COD)

TRANS 217
CODEC 810

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Mejju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 275 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE fir-rigward tal-limitu ta' żmien għall-implimentazzjoni tar-regoli speċjali dwar it-tul massimu fil-każ ta' kabini li jagħtu prestazzjoni ajrudinamika, effiċjenza enerġetika u prestazzjoni tas-sikurezza mtejba

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 275 final.

Mehmuż: COM(2018) 275 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.5.2018
COM(2018) 275 final

2018/0130 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE fir-rigward tal-limitu ta' żmien għall-implimentazzjoni tar-regoli speċjali dwar it-tul massimu fil-każ ta' kabini li jagħtu prestazzjoni ajrudinamika, effiċjenza enerġetika u prestazzjoni tas-sikurezza mtejbja

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali¹ ġiet irrevoked l-aħħar bid-Direttiva (UE) 2015/719 tal-Parlament u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali².

Wieheh mill-għanijiet tad-Direttiva (UE) 2015/719 kien li ttejjeb l-ajrudinamika tal-vetturi bil-mutur li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, billi tippermetti deroga mir-restrizzjonijiet tat-tulijiet massimi jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Għan ieħor kien li tadatta l-leġislazzjoni għall-iżviluppi teknoloġiċi u għall-bidliet fil-bżonnijiet tas-suq, kif ukoll li tiffaċilita t-trasport intermodali.

Id-deroga mir-restrizzjonijiet tat-tulijiet massimi nġatat għall-parti ta' wara tal-vetturi, għall-arnar ta' tagħmir ajrudinamiku³, u għall-parti ta' quddiem tal-vetturi⁴ sabiex tippermetti sura iktar ittondjata u ajrudinamika tal-kabini tat-trakkijiet.

Din id-deċiżjoni tikkonċerna l-parti ta' quddiem tal-vetturi, jiġifieri l-kabini kif jissemmew fl-Artikolu 9a tad-Direttiva 96/53/KE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/719. Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi għadd ta' kundizzjonijiet, fosthom il-konformità tal-vettura mar-rekwiżiti dwar ir-radji tad-dawran stipulati fil-punt 1.5 tal-Anness I.

Fil-Valutazzjoni tal-Impatt⁵ tagħha li takkumpanja l-proposta għal emenda tad-Direttiva 96/53/KE⁶, il-Kummissjoni identifikat benefiċċji sinifikanti fl-għoti ta' derogi dwar it-tul imsemmija fid-Direttiva ta' emenda (UE) 2015/719. Apparti titjib sostanzjali tal-ajrudinamika kemm mit-tagħmir ajrudinamiku ta' wara kif ukoll tal-kabini mtawla, tali kabini jistgħu jgħibu benefiċċji wkoll f'termini ta' viżibbiltà aħjar għas-sewwieqa, sikurezza mtejbja għal utenti oħra tat-toroq, kif ukoll sikurezza u kumdità aħjar għas-sewwieqa.

Filwaqt li l-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni ma ssuġġerietx il-ħtieġa ta' moratorju għad-dħul fis-seħħ tal-kabini mtawla, il-kompromess aħħari bejn il-leġislaturi, kif adottat fl-Artikolu 9a(3) tad-Direttiva (UE) 2015/719, fil-fatt kien jinkludi moratorju għal perjodu ta' tliet (3) snin.

Fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali, u fid-dawl tal-fatt li l-emissjonijiet tas-CO₂ mit-trasport bit-triq jirrappreżentaw kwart tal-emissjonijiet kollha tas-CO₂ fl-UE, kif ukoll tal-fatt li l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq huma mistennija jiżdiedu b'6 % tul il-perjodu 2015-2030, il-Kummissjoni tqis li l-benefiċċji tal-kabini mtawla għandhom jiġu sfruttati mill-iktar fis possibbli. L-importanza ta' din il-kwistjoni tikkonfermaha l-proposta dwar l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal tal-merkanzija, kif proposta mill-Kummissjoni bħala parti mit-tielet Pakkett tal-Mobbiltà, li jenfasizza speċifikament l-importanza tal-kabini

¹ GÜ L 235, 17.9.1996, p. 59.

² GÜ L 115, 6.5.2015, p. 1.

³ L-Artikolu 8b.

⁴ L-Artikolu 9a.

⁵ SWD(2013) 108 final.

⁶ COM(2013) 195 final.

ajrudinamiċi⁷. Fil-fatt, il-konformità mal-istandards futuri tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal tal-merkanzija se tirrikjedi l-applikazzjoni ta' teknoloġiji varji biex itejbu l-effiċjenza enerġetika; minn fosthom, l-introduzzjoni ta' kabini ajrudinamiċi hija l-iktar miżura effettiva biex titnaqqas ir-reżistenza tal-arja.

Madankollu, il-moratorju inkluż fil-leġislazzjoni attwali jgerrex il-manifatturi milli jtejb u l-ajrudinamika tal-kabini bħala mod kif jilhq u l-konformità mal-istandards li ġejjin dwar l-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal tal-merkanzija. Iktar importanti minn hekk, il-moratorju jmur ukoll kontra l-prinċipju tal-innovazzjoni u l-prinċipji tar-regolamentazzjoni aħjar, għax ifixkel l-iżvilupp ta' teknoloġiji u kunċetti ġodda.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li tqassar il-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni tal-Artikolu 9a(1) tad-Direttiva 95/53/KE. It-test ġdid propost tal-Artikolu 9a(3) xorta waħda għandu jħalli biżżejjed żmien biex l-Istati Membri jieħdu l-passi meħtieġa.

F'dan il-kuntest, tqies iż-żmien li huwa meħtieġ għall-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Qabelxejn, ta' min jingħad li l-bidla fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip imsemmi fl-Artikolu 9a(2) tista' ssir b'emenda għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012⁸, kif wieħed jista' jikkonkludi minn eżami iktar mill-qrib tal-kwistjoni. L-emenda għar-Regolament (UE) Nru 1230/2012, li hu stmat li titlesta sa tmiem l-2018, se ssir b'miżura ta' implimentazzjoni fil-qafas tar-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-vetturi⁹. Il-perjodu ta' żmien il-ġdid, kif stipulat f'din il-proposta, iqis dan il-fatt, u għandu jiżgura li l-miżuri nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 9a(1) tad-Direttiva 96/53/KE isiru applikabbli bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien mal-emenda għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012.

It-tieni nett, mhux meħtieġ li tinżamm is-sekwenza preċiża tal-bidliet kif imsemmija bħalissa fl-Artikolu 9a(3) tad-Direttiva 96/53/KE. Iċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi kkonċernati fit-toroq tirrikjedi, b'mod kumulattiv, bidliet fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip, kif ukoll il-bidla msemmija fl-Artikolu 9a(1) tad-Direttiva 96/53/KE. It-traspożizzjoni ta' din l-aħħar bidla ma tirrikjedix, minnha nfisha, emenda minn qabel fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip. Huwa biżżejjed li r-regoli nazzjonali jipprevedu l-approvazzjoni tat-tip bħala kundizzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 9a(1) tad-Direttiva 96/53/KE.

Il-bidla proposta hija għalkollox bi qbil mal-Valutazzjoni tal-Impatt¹⁰ li diġà saret mill-Kummissjoni, u li – kif diġà ssemma iktar 'il fuq – ma ssemmietx moratorju kif ġie adottat mill-koleġislaturi. Għall-istess raġuni, ma jkunx meħtieġ li ssir Valutazzjoni tal-Impatt għal din il-proposta.

• **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet eżistenti ta' politika fis-settur**

Din il-proposta, fl-istat attwali tagħha, taqbel mal-politiki eżistenti dwar l-istandards tas-CO₂ għall-vetturi tqal tal-merkanzija, u tappoġġahom. Taqbel ukoll mal-politiki eżistenti maħsubin biex inaqqsu l-aċċidenti u l-imwiet fit-trasport bit-triq.

Ladarba din il-proposta kulma tagħmel hu li tressaq 'il quddiem id-data li minnha jistgħu jintużaw kabini iktar ajrudinamiċi u/jew iktar sikuri kif tipprevedi diġà d-Direttiva 2015/719, ma tolqot la t-trasport intermodali u lanqas l-għan ġenerali li jitrawmu alternattivi għat-trasport bit-triq.

⁷ COM(2018) 284.

⁸ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għall-mases u d-dimensjonijiet tal-vetturi bil-mutur u t-trejlars tagħhom u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 353, 21.12.2012, p. 31.

⁹ Ir-Regolament (UE) 661/2009.

¹⁰ SWD(2013) 108 final.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta tikkontribwixxi direttament lejn l-ewwel prijorità politika tal-Kummissjoni Juncker: Impjiegi, Tkabbir u Investiment billi tippermetti lill-manifatturi tat-trakkijiet u lill-fornituri tat-tagħmir jinnovaw u jipproduċu mudelli ġodda ta' vetturi tqal tal-merkanzija. Din il-proposta hija maħsuba wkoll biex tikkontribwixxi lejn il-prijorità tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika, bi tnaqqis fl-emissjonijiet mill-vetturi tqal tal-merkanzija.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika tal-emenda proposta hi l-Artikolu 91(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).

- **Sussidjarjetà**

Il-proposta hija limitata għall-aġġustament tal-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 9a(3) tad-Direttiva 96/53/KE. Dan l-aġġustament jista' jsir biss mill-Unjoni stess.

Barra minn hekk, it-tagħwiġ fis-suq intern jista' jiġi evitat biss permezz ta' data waħdanija għall-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda. .

- **Proporzjonalità**

Il-proposta ta' politika hija proporzjonata mal-problemi li ġew identifikati, u ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jissolvew. B'mod speċifiku, il-miżura hija limitata għall-aġġustament tal-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni tal-Artikolu 9a(1) tad-Direttiva 96/53/KE, u barra minn hekk, xorta waħda tagħti lill-Istati Membri żmien biżżejjed biex jieħdu l-passi meħtieġa.

- **Għażla tal-istrument**

Normalment l-emendi għad-Direttivi jaslu fl-istess forma, jiġifieri ta' Direttivi ta' emenda.

Madankollu, dan il-każ partikolari kulma jinvolvi hi l-bidla ta' limitu taż-żmien impost fuq l-Istati Membri. B'hekk, tali bidla ma għandhiex imnejn tiġi ttrasposta mill-Istati Membri. Għaldaqstant għandha tiegħi l-forma ta' Deċiżjoni.

3. RIŻULTATI TAL-VALUTAZZJONIJIET EX-POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Ladarba l-ebda Valutazzjoni tal-Impatt addizzjonali mhi meħtieġa għal din il-proposta, issir referenza għall-Valutazzjoni tal-Impatt li diġà wettqet il-Kummissjoni: SWD(2013) 108 final.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-bidla proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-elementi ewlenin tal-proposta huma dawn li ġejjin:

Id-Direttiva 96/53/EC

L-Artikolu 9a

L-Artikolu 9a(3) attwali jinkludi moratorju ta' tliet (3) snin għall-introduzzjoni ta' kabini arjudinamiċi wara d-data ta' traspożizzjoni jew ta' applikazzjoni tal-emendi meħtieġa fejn jidħlu r-rekwiżiti tekniċi tal-approvazzjoni tat-tip.

Huwa propost li l-Artikolu 9a(3) jinbidel sabiex jitneħħa l-moratorju ta' tliet (3) snin u minfloku jiddaħħal limitu ta' żmien iqsar u proporzjonat.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE fir-rigward tal-limitu ta' żmien għall-implimentazzjoni tar-regoli speċjali dwar it-tul massimu fil-każ ta' kabini li jagħtu prestazzjoni ajrudinamika, effiċjenza enerġetika u prestazzjoni tas-sikurezza mtejbja

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni¹²,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali¹³ ġiet emendata bid-Direttiva (UE) 2015/719 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ bil-għan li jitnaqqsu l-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, kif ukoll biex il-leġislazzjoni tiġi adattata għall-iżviluppi teknoloġiċi u għall-bidliet fil-bżonnijiet tas-suq, u biex jiġi ffaċilitat it-trasport intermodali.
- (2) L-ajrudinamika mtejbja tal-kabini tal-vetturi bil-mutur tkun tippermetti titjib sinifikanti fil-prestazzjoni enerġetika tal-vetturi. Madankollu, bir-restrizzjonijiet tat-tul massimu stipulati fid-Direttiva 96/53/KE, dan it-titjib kien impossibbli mingħajr it-tnaqqis tal-kapaċità tat-tagħbija tal-vettura. Għaldaqstant iddaħħlet deroga mir-restrizzjonijiet tat-tul massimu bid-Direttiva (UE) 2015/719.
- (3) Id-Direttiva (UE) 2015/719 inkludiet ukoll moratorju ta' tliet snin għall-introduzzjoni ta' kabini arjudinamiċi wara d-data ta' traspożizzjoni jew ta' applikazzjoni tal-emendi meħtieġa fejn jidħlu r-rekwiżiti tekniċi tal-approvazzjoni tat-tip.
- (4) Bil-għan li l-benefiċċji tal-kabini arjudinamiċi – f'termini ta' prestazzjoni enerġetika tal-vetturi tqal tal-merkanzija, iżda wkoll f'termini ta' viżibbiltà aħjar għas-sewwieqa,

¹¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

¹² ĠU C [...], [...], p. [...].

¹³ ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59.

¹⁴ Id-Direttiva (UE) 2015/719 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 115, 6.5.2015, p. 1).

ta' sikurezza għall-utenti tat-triq u ta' sikurezza u kumdità għas-sewwieqa – isiru realtà mill-iktar fis possibbli, jeħtieġ li jiġi żgurat li tali kabini ajrudinamiċi jiddaħħlu mingħajr dewmien żejjed, malli jkunu fis-seħħ ir-rekwiżiti meħtieġa tal-approvazzjoni tat-tip.

(5) Għaldaqstant, id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE għandha tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 9a tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 96/53/KE, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(3) Il-paragrafu 1 għandu japplika minn [XXX] [OP please insert date: 4 months from the entry into force of the present decision].”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President